KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 85, miżmuma nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2019 fil-5.30 ta fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Anne Fenech — Sindku
- Daniel Grima — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Joseph Vella — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Rodney Galea — Kunsillier
- Dounia Borg — Kunsillier
- Robert Piscopo — Kunsillier
- Edward Bugeja — Kunsilier

Membri Skużati:

- Mandy Buhagiar — Kunsillier
- Dounia Borg — Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

Is-Sindku Anne Marie Fenech fetħet il-laqgħa fil-ħamsa u nofs.

**85.1 – Qari tal-ittri ta' l-Apologiji**
Il-Kunsillier Mandy Buhagiar skuzata għaliex imsiefra
Il-Kunsilier Dounia Borg skuzata minħabba mpenji ta' xogħol.
Il-Kunsillier Paul Bugeja ġibed l-attenzjoni li għandu impenn ieħor fis-sebgħa w għalhekk ikollu jitlaq mil-laqgħa f'dak il hin

**85.2 - Kunsiderazzjoni u Approvazjonin tal-Minuti Nr.84**
- Il-Kunsillier Pawlu Bugeja ġibed l-attenzjoni li l-astratt tal-liġi dwar il-Hoarding għandha tkun anessa mal-minuti nr 84.
- Isfel nett ta' paġna 4 tizdied il-kelma Burmarrad wara l-kelma *main road*.
- Rigward Item 84.4 Il-Kunsillier Paul Bugeja ġibed l-attenzjoni li għadu mingħajr risposta ta' min u m'huwiex qiegħed iħallas.
- F'paġna 5 - PA2355/07 - Billi ma kinitx item fuq l-Agenda ma setatx tiġi diskussa u minħabba f'hekk ma intbgħat ħadt għal laqgħa.
- F'paġna 6 – Il-Kunsilliera Graziella Galea talbet li jizdiedu il-kliem "ma ipparteċipatx fid-diskussjoni u l-vot" wara l-kelma interess.
- F'item 351 – Il-Kunsillier Alfred Grima jastjena ukoll.

**85.3 : Komunikazzjoni mis-Sindku**

**TUC TUC**
Is-Sindku qrat l-informazzjoni dwar l-inizjattiva għal anzjani ta' Burmarrad. Il-Ministeru ser ikun responsabbli għal din l-inizjattiva.

**Db San Antonio – Triq il-Lacci**
Inqrat ittra bl-avukat li ntbatet lil-Kunsill rigward il-parkeġġ li hemm fi triq il-Laċċi. Ġie propost li l-Kunsill jistaqsi lil Lands department jekk l-art in kwistjoni hiex pubblika jew privata.

**Request of Extension of pavement – Emily's Corner Cafe – Leslie Muscat**
Is-Sindku qrat l-ittra mingħand is-Sinj Muscat dwar talba għal extension of pavement. Il-Kunsillier Paul Bugeja ikkumenta li jekk ma jintuzax parkeġġ huwa mgħandu l-ebda oġġezzjoni li ssir. Il-Kunsillier Alfred Grima issugerixxa li għanda ssir skond il-policy tal-Kunsill.

**CCTV**
Is-Sindku qrat ic-Cirkolari DLG 6/2019. Il-Kunsillier Paul Bugeja talab li din terġa titla għal diskussjoni taħt Kunsill ġdid.

**World clean up day**
Is-Sindku qrat il-korrispondenza li ser issir Word Clean Up Day fil-21 ta' Settembru 2019. Il-Kunsill ma sabx oġġezjoni li ssir din l-attivita u qabel ukoll li l-Kunsill għandu jipparteċipa b'forma ta' għajnuna ez. Provdizjoni ta' skips.

**Manutenzjoni fi Triq il-Wardija**
Is-Sindku qrat korrispondenza ta' resident fil-Wardija li qiegħed jipproponi li hu stess jagħmel manutenzzjoni lill Triq/Trejqa partikolari li filfatt kisser hu stess meta għamel użu minnha fil-passat. Il-Kunsill qabel li wara li nieħdu parir tal-avukat għandna naqblu li dan isir b'ċertu kundizjonijiet.

**<u>85.4 – Tweġibiet għal-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**
Il-Kunsillier Paul Bugeja ġibed l-attenzjoni li l-mistoqsija li għamel fil-laqgħa preċidenti għada ma ġietx imwieġba.

**<u>85.5 : Rapporti / Jew approvazzjoijiet ta' Rapporti</u>**

**85.5.1 : Rapport ta' Evalwazzjoni: Provision of services for the Cleaning, Opening and Closing of Public Conveniences.**
**-** Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li dan it-tender jerġa jiġi evalwat skond id-direzzjoni tad-Dipartiment.

**85.5.2 : Rapport ta' Evalwazzjoni: Purchasing of Tipper Van and Electric Vehicle**
- Is-Segretarju Ezekuttiv qrat ir-rapport ta' l-evalwazjoni u kien hemm qbil li t-tender jintrebaħ mic-*cheapest compliant*.

**85.5.3 : Rapport ta' Evalwazzjoni: Provision of Road Signs and Road Markings.**
- Is-Segretarju Ezekuttiv qrat ir-rapport ta' l-evalwazjoni u kien hemm qbil li t-tender jintrebaħ mic-cheapest compliant.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ppropona li l-Kunsill jiddiskuti Item 85.7. Il-Kunsill qabel.

**<u>85.7 Item : Clint Vella water supplies payment</u>**
Is-Sindku tkelmet dwar il-kontijiet pendenti li hemm tul ammont ta' snin.
Il-Laqgħa ġiet sospiza sabiex jitkellem raprezentant ta' Clint Vella Water Supplies.
Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li ma kien hemm konferma li ix-xogħol twettaq u qrat korrispondenza mingħand is-Segretarju Ezekuttiv. Il- Kunsillier Paul Bugeja propona li dan il-kont jiġi mħallas. Il-Kunsillier Rodney Galea issekondah. Ittieħed vot dwar dan :
Favur – Il-Kunsilliera Paul Bugeja, Stephen Cremona, Rodney Galea, Edward Bugeja, Joseph Vella u S=Sindku Anne Marie Fenech.
Kontra-  Il-Kunsillier Graziella Galea
Astenzjonijiet – Il-Vici Sindku Daniel Grima, Il-Kunsilliera Alfred Grima, Robert Piscopo u Antoinette Bezzina.

**Il-Kunsillier Joseph Vella propona li l-Kunsill jiddiskuta Item 85.9 – Il Kunsill approva**

**<u>85.9 – Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti u approvazzjoni ta' xiri ta' oggetti jew servizzi</u>**

Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa jekk il-pagamenti li qed jigu prezentat humiex qedin jirrispettaw il-ligijiet finanzjarji tal-Kunsill.
Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat.

Item 408: Il-Vici Sindku Daniel Grima staqsa informazzjoni rigward dan il-pagament u astjena. Il-Kunsilliera Robert Piscopo u Antoinette Bezzina jastjenu ukoll.

Il-Kunsillier Paul Bugeja telaq mil-laqgħa fis 19.15

Item 422 – Il-Kunsilliera Graziella Galea u il-Kunsillier Joseph Vella jastjenu.

Il-Kunsillier Alfred Grima jastjena fuq l-iskeda tal-Pagamenti kollha minbarra l-pagi w il- Kuntratwali. Sostna li huwa kontra kull irregolarita li hemm.

Il-Kunsillier Robert Piscopo jastjena fuq l-iskeda tal-Pagamenti kollha minbarra l-pagi w il- Kuntratwali.

Item 431 – Il-Kunsillier Joseph Vella jastjena.

Item 475 – Il-Kunsillier Robert Piscopo talab spjegazjoni rigward dan il-pagament. Il-Kunsillier Joseph Vella kontra minħabba li Direct Order huwa sa' ħames t'elef.

Fl- isfond li kien hemm nuqqas ta' qbil dwar diversi pagamenti, is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsilliera li kienet ser twaqf is-servizzi li ma kienx hemm qbil fuq il pagament tagħhom peress li hija kienet legalment responsabli ta' ħlas.

Il-Kunsillier Edward Bugeja hareg mil-laqgħa fis-19.48

Il-Kunsillier Rodney Galea hareg mil-laqgħa fis-19.52

F'dan il-ħin waqa il-Kworum u l-iskeda tal-pagamenti ma ġietx approvata.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | __________________________ |
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |